MINUTI

# Laqgħa Annwali tal-Lokalita' Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru LAL/02/2021

It-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar laqqa' lill-pubbliku għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' fl-fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar Għawdex' nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

ATTENDENZA MILL-PUBBLIKU: 1

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

Din il-laqgħa ssejħet skont kif jistipula Artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa setgħu jieħdu sehem r-residenti li isimhom jidher fuq l-aħħar reġistru elettorali tal-Munxar, li dawn ġew innotifikati permezz ta' avviż li tqassam f'kull residenza.

### 2.1 Qari u approvazzjoni tal-minuti;

2.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-aħħar laqgħa pubblika bin-numru LAL/01/2021 u dawn ġew approvati minn dawk preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 2.2 Komunikazzjoni mis-Sindku;

2.2.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, fakkar lil dawk preżenti li tqassam avviż f'kull residenza biex dawk interessati setgħu jirriservaw post għal din il-laqgħa billi jinkitbu minn qabel. Dan minħabba prekawzjonijiet u miżuri li qed jittieħdu minħabba l-firxa tal-pandemija.

### 2.3 Suġġerimenti mill-Pubbliku Preżenti;

2.3.1 Ir-resident preżenti għarraf lill-membri tal-Kunsill li xtaq jattendi għal din il-laqgħa sabiex jgħarraf lill-Kunsill u lil dawk preżenti b'anniversarju li l-klabb tal-futbol tal-lokalita' Munxar Falcons FC kien ser jagħlaq propju ftit tal-jiem oħra. Dan ir-resident semma li kien hu l-fundatur tal-klabb meta fit-18 ta' Diċembru 1971 irreġistra t-tim mal-assoċjazzjoni GYFA u li eventwalment dan il-klabb lagħab l-ewwel logħba kompetittiva tiegħu fid-9 ta' Jannar 1972 kontra Qala St Joseph li dawn tal-aħħar kien reħbu bl-*iscore* ta' 0-3. Huwa xtaq irodd ħajr lil ex Kappillan Salv Debrincat li kien il-kontributur ewlieni biex ifforma dan it-tim, kif ukoll lil Mario 'il-Motta' li kien iddisinja l-*logo* tal-klabb.

Is-Sindku irringrazzja lil dan ir-resident talli attenda għal din il-laqgħa u ppreżenta din l-informazzjoni. Is-Sindku qal li bħala Kunsill ser tittieħed inizjattiva biex din l-istorja tiġi ddokumentata.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 2.4 Estimi Finanzjarji 2021;

2.4.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lil dawk preżenti li ser tkun qed tittieħed nota tas-suġġerimenti tar-residenti sabiex flimkien mal-pjan tal-Kunsill u mal-proġetti eżitenti u diġa' approvati jithejjew l-estimi finanzjarji għas-sena 2021 biex jiġu approvati fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 2.5 Tmiem il-laqgħa.

2.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR